KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 29**

**It-Tlieta, 14 ta' April 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier (daħal fis-seduta fis-19:05) |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera (daħlet fis-seduta fis-17:45) |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Tnejn (2)

*Qabel ingħata bidu għas-seduta, is-Sindku Scott Camilleri sellem il-memorja tal-eks impjegata assenjata mal-Kunsill is-Sa Mary Grace Farrugia.*

## 29.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**29.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg infurmana li se jkun qed jidħol aktar tard.

**29.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit infurmatna li se tkun qed tidħol aktar tard.

## 29.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 27 u seduta 28)

**29.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 27 u seduta 28.

**29.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 27 ġew approvati unanimament.

**29.02.03** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-minuti ta' seduta 28 ġew approvati unanimament.

## 29.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**29.03.01** *Għamara għall-kuritur tat-tieni sular tal-binja amministrattiva*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li trid tinbidel l-għamara tal-kuritur billi din bdiet tisfronda. Huwa semma li nġabret kwotazzjoni waħda mingħand is-supplier li ssupplixxa l-għamara preżenti sabiex tkun uniformi mal-bqija tal-għamara tal-binja. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,358. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**29.03.02** *Servizzi ta' fotografija u drones għall-fuljett tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-fotografija u drones għall-fuljett tal-Kunsill. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €330. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**29.03.03** *26 cover għall-arbli tal-festa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn jinxtraw covers għall-arbli tal-festa. Għal dawn il-covers inġabru 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €687.17. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**29.03.04** *Festun għaż-żona ta' San Ġorġ*: Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm bżonn jinxtara festun għaż-żona ta' San Ġorġ. Huwa semma li għalissa nġabret kwotazzjoni waħda, iżda din se tiġi approvata wara li jinġabru 2 kwotazzjonijiet oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**29.03.05** *Disinn tal-fuljett tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għad-disinn tal-fuljett tal-Kunsill. Inġabru 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €455.48.Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 29.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**29.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-sistema tad-drenaġġ ta' San Ġorġ se jkunu qed jgħinuna l-WSC sabiex din tinbidel.

**29.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Rohasia Zammit tagħti spjegazzjoni rigward l-applikazzjoni għad-dog parks/cat cafes. Il-Kunsilliera Rohasia Zammit semmiet li l-applikazzjoni għadha mhux lesta billi ma setgħetx taċċessa l-link. Spjegat li se titkellem ma' persuna sabiex timtela l-formola li se tagħlaq fit-30 t'April. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Rohasia Zammit sabiex iddur dawra mar-raħal u tidentifika żoni li fihom hemm bżonn isir refurbishment ta' cat houses jew li jridu jsiru għall-ewwel darba, u wara tiġi ċċirkolata email mal-kunsilliera ħalli mmexxu bl-applikazzjoni.

**29.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa f'Wied il-Buni għaddejjin ix-xogħlijiet tal-bankijiet u l-pilastri sabiex tingħata dehra aħjar wara l-maltempata li kkawżat ħsarat kbar.

**29.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa miexi sew u huwa pjanat li sas-sajf ma jkunx għad baqa' periklu. Semma li filgħodu huwa flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu mal-perit il-ġdid sabiex isir assessjar fuq il-parking bays u biex id-daħla tal-linja tkun iktar komda u jiżdiedu iktar parkeġġi.

**29.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fix-xatt ta' San Ġorġ beda x-xogħol min-naħa tal-kuntrattur fuq id-drenaġġ u se jinbidlu wkoll is-servizzi li hemm, fosthom fejn hemm main tad-dawl maqtugħ se jinbidel ukoll sabiex jiġi żgurat li ż-żona tiġi aħjar minn dik attwali. Apparti dan, se jsiru wkoll ix-xogħlijiet ta' upgrading tas-sistema tad-drenaġġ u bankini ġodda fi Triq Salvatore Cachia Zammit.

**29.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-Qajjenza beda x-xogħol ukoll u bħalissa qed tinqala' l-bankina. Se jsiru wkoll il-konok fl-art biex jitħawlu s-siġar.

**29.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Project Green laqgħu t-talba tagħna sabiex jiġu riġenerati 3 soft areas: Triq Dun Ġorġ Zammit, Triq Herakles u Triq l-Għannejja.

## 29.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**29.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-dawl fit-toroq. Huwa semma li qed jirċievi diversi lmenti dwar toroq fir-raħal li m'għandhomx dawl. Huwa xtaq ikun jaf x'inhu l-livell tas-servizz li għandna nistennew mill-kuntrattur tad-dawl sabiex meta biċċa xogħol ma ssirx inkunu nistgħu nressquha quddiem l-amministrazzjoni tal-Kunsill u jekk nistgħux intellgħu din il-problema għal diskussjoni fir-reġjun. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din hija sfida mal-kuntrattur u li mhijiex issue tal-Kunsill tagħna biss. Kawża tal-ħsarat kbar li saru bil-maltemp qed ikun hemm dewmien kbir. Huwa semma wkoll li għandu laqgħa mar-Reġjun u se jkun qed jiċċekkja magħhom.

**29.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-development planning fund. Huwa semma li waqt diskussjonijiet ma' għaqdiet lokali dejjem jitla' l-bżonn għal proġetti żgħar u kbar. Wieħed mill-modi kif nistgħu ngħinu lil dawn huwa permezz ta' dan il-fond,

li għandu ammont allokat għal dawn l-għaqdiet. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti rendikont ta' x'fadal f'dan il-fond maqsum bejn ammonti għal Kunsill u għall-għaqdiet, issa li ntemm il-proġett tat-tisħin tal-pixxina tal-water polo. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-fond tal-Kunsill huwa ta' kważi €1.5m, filwaqt li fuq il-fond allokat għall-NGOs, mill-korrispondenza tal-Planning Authority, il-Kunsill Lokali ma jistax ikun jaf kemm hu.

**29.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-dawl fi Ġnien l-Indipendenza. Huwa semma li dan il-ġnien għadu bi problemi kemm mill-aspett tad-dawl kif ukoll bil-funtana. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax ikellem lill-entità li qed tieħu ħsieb dan il-ġnien sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jinħareġ tender sabiex tinbidel is-sistema kollha.

**29.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar PA807/19 u PA799/19. Huwa semma li dawn iż-żewġ applikazzjonijiet tal-planning jittrattaw iż-żona bejn Triq il-Barrieri u Triq Tal-Papa u jinkludu madwar sittin appartament ġdid u li għal dawn inħarġu pjanti ġodda. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti l-pożizzjoni oriġinali tiegħu fl-2019, u jekk jistax jitlob laqgħa mal-iżviluppatur biex jagħtina spjegazzjoni ta' x'se jkun qed isir. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ġiet diskussa waqt il-korrispondenza.

**29.05.05** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar is-slipway tal-Qajjenza. Huwa xtaq ikun jaf fiex wasal il-proġett tas-slipway tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-PA approvat dan il-proġett u t-tender min-naħa ta' IM wasal biex jiġi aġġudikat.

**29.05.06** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar żgumbrar ta' dgħajjes fil-parkeġġ ta' San Ġorġ. Huwa xtaq ikun jaf fiex wasal l-iżgumbrar ta' żewġ dgħajjes mitluqa fil-parkeġġ ta' San Ġorġ, li ilhom abbandunati hemm għal żmien twil u apparti li qed jokkupaw spazju għall-karozzi, qed jintużaw ukoll għal rimi ta' skart b'mod abbużiv. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li peress li dawn huma mitluqin fuq il-ġebel fl-art, il-kuntrattur tal-Kunsill m'għandux mezzi biex jeħodhom, iżda saret talba lill-Cleansing biex ineħħuhom huma.

## 29.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**29.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Marzu 2026.

**29.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-kontijiet tal-handyman qed jaslu tard u li qed jakkumulaw ruħhom. Se tkun qed issir laqgħa mal-handyman sabiex din is-sitwazzjoni tiġi solvuta.

## 29.07 Korrispondenza

**29.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza minn bejjiegħ ta' posta tal-ikel, fejn qed jiddikjara li l-post li qed juża bħalissa għall-gabbana tat-take-away

se jibqa' fl-istess post, jiġifieri ħdejn il-latrina. Ma' din id-dikjarazzjoni semma wkoll li se jkun qed jippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li għandna korrispondenza minn TM li hemmhekk il-post irid jiġi utilizzat mill-karozzi tal-linja u li l-Kunsill ma jiddeċidix posti relatati ma' gabbani għax din hija liġi tat-trade. Il-Kunsill jiddeċiedi biss posti ta' permessi ta' darba, li dan mhuwiex il-każ. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill ma jistax jinforza dan.

**29.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellna korrispondenza mingħand residenta rigward il-Girghien Development Area. Huwa ta deskrizzjoni qasira fuq dan l-iżvilupp. Il-Kunsill iddiskuta l-pjanti ġodda li ħarġu għall-arja tal-Girgħien f'Tal-Papa. Għal din l-arja ġew sottomessi żewġ pjanti oħra. Il-Kunsill se jkun qed jiltaqa' mal-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea dwar dan il-ġimgħa d-dieħla biex ikompli jifhem u jara x'jinvolvu.

**29.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta l-Kunsillier Darren Mark Debono ħadem fuq lista ta' żoni fil-promenade fejn jistgħu jsiru l-kids' play areas temporanjament għas-sajf. Iż-żoni identifikati huma 3: 2 fil-Bajja s-Sabiħa u 1 Wied il-Buni. Ġie deċiż li tinħareġ espressjoni t'interess, fejn se jsir draft u jiġi ċċirkolat mal-kunsilliera. Dawk li jkunu interessati għandhom jipproċedu bil-permess t'attività l-Kunsill, skont il-policy tal-istess Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu maż-żoni identifikati kif ukoll mad-deċiżjonijiet l-oħra.

**29.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li sar ir-rapport tal-health and safety fil-Bajja s-Sabiħa, fejn fih hemm numru ta' issues li nstabu, fosthom ir-railing tar-rampa. Ġie deċiż li ssir talba lil PWD sabiex dan jiġi mibdul għal wieħed simili ta' dak eżistenti. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil se tkun qed tassisti u tgħin fiha. Il-Kunsillier Alex Caruana se jieħu ħsieb jara x'hemm bżonn fejn jidħol id-dawl u l-ħsarat, filwaqt li l-Kunsillier Ivan Abela Grech se jieħu ħsieb x'hemm bżonn fil-pitch tal-beach soccer. Is-Sindku Scott Camilleri semma li se jagħmel komunikat mal-Perit Luigi Fenech rigward l-iskatepark jekk jistax isir materjal li jimtela bil-konkos jew x'jista' jiġi suġġerit minflok, sabiex ikun jista' jibda l-proċess fuqu.

**29.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand residenta minn Triq is-Sebħ rigward tal-linja li qed jieqfu għal tul ta' ħin fuq stop sign fi Triq is-Sebħ u qed jostakolaw lis-sewwieqa li jkunu ħerġin mill-imsemmija triq. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li tintbagħat talba għal laqgħa mal-MPT.

**29.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dil-ġimgħa kien hemm laqgħa mar-Restoration and Preservation Department, li qegħdin jieħdu ħsieb il-monument tal-mibki Jake Vella. Il-post identifikat huwa l-promenade fin-naħa tat-teatru Grieg, li ġie maqbul flimkien mal-ġenituri ta' Jake. Il-kunsilliera preżenti qablu mal-post identifikat u ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Dan kollu suġġett għaż-żamma u manutenzjoni min-naħa tagħhom.

**29.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza relatata maż-żebgħa fi Triq Tal-Ġebel billi wara li tlestew ix-xogħlijiet kienet għadha ma saritx ir-roundabout tan-naħa ta' Triq iż-Żurrieq. Huwa semma li min-naħa tiegħu għamel kuntatt mal-Perit Mario Ellul biex din tkun parti mill-proġett ta' fejn għamlu l-istorm water u jingħalaq kollox min-naħa tagħhom.

**29.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza minn resident ta' Triq FM Ferretti rigward is-saħħa u s-sigurtà f'din it-triq. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li ssir roundabout għolja kif ukoll speed calmers u li fil-fehma tiegħu dan il-proġett għandu jingħata prijorità u talab sabiex b'mod urġenti l-perit idaħħal rikjesta ma' TM sabiex ifittxu jtuna l-clearance għall-ispeed calmers. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jidentifika ż-żoni li jridu jsiru l-aktar urġenti u tintbagħat ittra lir-residenti fejn fiha jingħata żmien stipulat sabiex jekk xi ħadd joġġezzjona li ssir, dan għandu jinforma l-Kunsill u naraw il-każ xi jkun.

**29.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri ressaq talba mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, fejn dawn daħħlu applikazzjoni tad-DPF quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex din l-NGO tibni proġett ta' maħżen. Dan sabiex fih ikunu jistgħu jerfgħu l-assi tagħhom peress li fejn jinsabu bħalissa hi bil-kera u se tkun qed titwaqqaf. Il-Kunsillier Alex Caruana żied jgħid li s-Soċjetà qed titlob lill-Kunsill Lokali jaċċettax li huma jkunu jistgħu jibbenifikaw mill-ammont kollu kif sar ma' NGOs oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li peress li ma hemm l-ebda dokument imressaq qabel is-seduta, se jkun qed jibgħat email sabiex kull kunsillier japprova din it-talba. Il-membri tal-Kunsill Lokali qablu li jsir hekk, bil-Kunsillier Alex Caruana jastjeni.

## 29.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**29.08.01** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mozzjoni 03/2026, li ġiet sekondata mis-Sindku Scott Camilleri, dwar tismija ta' sqaq rurali bla isem. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jissuġġerixxi li sqaq rurali li jinsab b'entratura minn Triq il-Gandoffla u Triq Tal-Papa, u li attwalment jinsab bla isem, jingħata l-isem ta' 'Trejqet il-Ħofra tal-Widien'. Dan l-isem intgħażel wara li saret riċerka mal-Awtorità tal-Artijiet, fejn irriżulta li r-raba' tal-madwar huma identifikati b'dan l-isem bħala parti miż-żona rurali. Għaldaqstant, ikun xieraq li, hekk kif waslu biex jintemmu x-xogħlijiet fuq dan l-isqaq minn IM, dan jingħata isem uffiċjali b'suġġeriment lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 9 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 29.09 Audited Financial Statements 2025

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**29.09.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff spjegat li kulma kien hemm aġġustament wieħed billi kellna invoice nieqsa, li ma kinitx intbagħtet mis-supplier. Il-figuri baqgħu kollha l-istess.

**29.09.02** L-audited financial statements 2025 ġew approvati unanimament.

## 29.10 Sejħiet għall-offerti BLC/T/02/2026

**29.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm l-evalwazzjoni tat-tender: BLC/T/02/2026 relatat mas-servizz tal-playing equipment u street furniture. Huwa qal

li għal din is-sejħa daħlu 3 sottomissjonijiet. L-orħos offerta kienet tal-kumpanija LBA Ltd, li tammonta għal €88,025, VAT eskluż. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

## 29.11 Attivitajiet u skemi

**29.11.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li għax-xahar ta' Mejju mhux se jkun hemm attività billi se tittella' Festa Bengħajsa. Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward din l-attività kien hemm site visit dil-ġimgħa biex jaraw kif se jsir l-armar.

**29.11.02** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li rigward l-iskema SPI/SCI/7/2025 (Triq Żaren Dalli), il-Kunsill ingħata l-ewwel pagament u sta għalina li nibdew ix-xogħol issa li għandna l-perit. Is-Sindku Scott Camilleri semma li għal din l-iskema hemm fond ta' €100,000 għal sistema elettrika li tinkludi l-fanali dekorattivi. Hu tal-opinjoni li nitkellmu mal-perit sabiex il-bankina tiġi riġenerata, naraw fejn jistgħu jidħlu konok, u ż-zebra crossings li hemm jingħatawlhom belisha lights.

**29.11.03** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li fis-seduta li għaddiet kien hemm diskussjoni fuq SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026, fejn kellna korrispondenza li din l-attività trid issir bejn Ġunju u Diċembru. Spjega li hu tkellem mad-Dipartiment fejn qalilhom li l-Kunsill itella' din l-attività f'Mejju. Ir-risposta tagħhom kienet li għal din ikun hemm sejħa oħra li tkun għall-attivitajiet li jsiru bejn Jannar u Ġunju. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li għalissa ma napplikawx u nħalluha biex napplikaw iktar tard.Il-Kunsillier Karel Zahra tkellem dwar l-iskema SPI/SCI/02/2026.

1. *SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa*
    - Din is-sena ġie deċiż li l-clean-up isir ġewwa Fort Bengħajsa. Id-data maħsuba hija s-26 ta' Settembru għad-09:00. Se jinxtraw ukoll 2 cameras biex jitwaħħlu f'postijiet fejn qed isir rimi illegali.

**29.11.04** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li l-applikazzjoni ta' Minn Pjazza għal Pjazza ma ntlaqgħetx u għalhekk din mhux se tkun qed isseħħ.

## 29.12 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**29.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna kont mingħand il-kuntrattur tal-ġonna, li jammonta għal €271 talli qata' żebbuġ u ħadu l-knisja ta' Birżebbuġa. Dan ix-xogħol jagħmlu kull sena u qatt ma talab ħlas għalih. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li dan il-pagament isir.

*Petty cash:*

**29.12.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**29.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:50 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________ | ___________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |